**26 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Degabriele

*versus*

Frank Gulia et.

**Kuraturi.**

*Il-mandat tal-kuraturi li jkunu ġew nominati biex jirrappreżentaw persuna assenti f'kawża li fiha dik il-persuna hija parti jispiċċa bid-deċiżjoni ta' dik il-kawża. Għaldaqstant, dawk l-istess kuraturi huma persuni illeġittimi biex jirrappreżentaw lil dak l-istess assenti f'kawża oħra, anki talvolta b'xi mod konnessa magħha; għaliex l-oġġett ta' dak il-mandat kien li l-kuraturi jirrappreżentaw lill-assenti f'dik il-kawża u fl-atti relattivi u susseġwenti għal dik l-istess kawża, u mhux f'kawża oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi huwa hu l-possessur tal-utili dominju per-

petwu tal-fond nru. 47 Żonqor Terrace, Marsaskala, li hu suġġett għaċ-ċens ta' 7s. 6d. fis-sena bħala rata tiegħu minn ċens akbar; u illi dan il-fond hu mibni fuq parti minn terren li tiegħu l-konvenuti kollha, barra mill-kuraturi, huma l-padruni diretti, skond l-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon tal-4 ta' Settembru 1894 u tal-11 ta' Ġunju 1900; u illi huwa kien ikkommunika diversi drabi mal-padruni diretti biex jiġi rikonoxxut iħallas il-lawdemju u ċ-ċens; u illi, ad insaputa tiegħu u mingħajr ma daħħluh fil-kawża, il-konvenuti (barra l-kuraturi), ottenew minn din il-Qorti, b'sentenza tat-3 ta' Frar 1959 fil-kawża "Gulia vs. Portanier", il-kundanna ta' Vincenzo Borda, enfitewta oriġinali, għall-pagament ta' £33 arretrati ta' ċens u x-xoljiment tal-enfitewsi u d-devoluzzjoni tal-benefikati nklużi fil-fond fuq imsemmi favur tagħhom, u nterpellawh biex jirrilaxxja l-fond; u illi t-terminu ta' xahrejn mogħti minn din il-Qorti għall-purgazzjoni tal-mora għadda inutilment, billi huwa sar jaf bis-sentenza u t-terminu wara li kien ġa ddekorra t-terminu; u illi, subordinatament għall-premess, ir-rapporti fuq indikati li huwa kellu mal-padruni diretti, in-nuqqas tagħhom u tal-kuraturi li jinfurmawh dwar il-morożità, il-kawża u t-terminu. u ċ-ċirkustanzi oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni, jikkostitwixxu kawża ġusta biex il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha tordna r-"restitutio in integrum" tiegħu riferibbilment għat-terminu konċess għall-purgazzjoni tal-mora, biex b'hekk jiġi evitat lilu preġudizzju gravi — preġudizzju nkors mingħajr ħtija tiegħu; talab illi, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, (1) din il-Qorti tiddeċidi u tiddikjara illi s-sentenza minnha mogħtija fit-3 ta' Frar 1959, fil-kawża "Gulia vs. Portanier", in kwantu ddikjarat ix-xoljiment tal-enfitewsi fuq indikata, hi bla effett u ma tagħmelx stat di fronti għalieh bħala l-attwali utilista u possessur tal-fond 47 Żonqor Terrace, Marsaskala, stante li huwa ma kienx parti fil-kawża, u dan għar-raġunijiet premessi; (2) u subordinatament għal dan, u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni, din il-Qorti tordna r-"restitutio in integrum" u r-reintegrazzjoni tiegħu riferibbilment għas-sentenza fuq indikata u għat-terminu ta' xahrejn konċess minnha għall-purgazzjoni tal-mora, u tipproroga l-istess terminu għal żmien li jidhrilha xieraq, jew takkorda terminu ieħor

għall-istess skop; u dan għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis*;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti kuraturi fuq imsemmijin;

Illi jirriżulta li l-Avukat Dr. Francis Portanier u l-Prokuratur Legali John Privitera, b'digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru 1958, ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Vincenzo Borda fil-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti għal dik il-kawża; li ġiet definita b'sentenza tat-3 ta' Frar 1959. Bid-definizzjoni ta' dik il-kawża, il-mandat tal-imsemmijin kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Vincenzo Borda spiċċa; għaliex l-oġġett ta' dak il-mandat kien li huma jirrappreżentaw lill-imsemmi assenti f'dik il-kawża u fl-atti relattivi u sussegwenti għal dik l-istess kawża, u mhux f'kawża oħra, anki jekk b'xi mod konnessa magħha. "I curatori per un determinato oggetto non sono persone legittime a stare in un altro giudizio, comunque, talvolta connesso o basato su quello per il quale fossero stati nominati" (Vol. VII, 140);

Kwindi l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti kuraturi hi ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tordna li l-konvenuti kuraturi Avukat Dr. Francis Portanier u Prokuratur Legali John Privitera jiġu mqegħdin barra mill-kawża, a spejjeż tal-attur; li għandu jipproċedi għad-deputa ta' kuraturi skond il-liġi biex l-assenti Vincenzo Borda jiġi debitament rappreżentat f'din il-kawża;

Tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħ-wara li jsir dak li ġie ordnat, għat-22 ta' Frar 1961.